Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, 05 ta' Dicembru 2023**

**Seduta Distrett Birkirkara**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Andrew Agius Bonello)**

**Versus**

**Gabriel Paul Borg**
**(129485M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Gabriel Paul Borg**, detentur tal-Karta tal-Identita' Nru 0535565M.

Akkuzat talli nhar il-5 ta' Settembru 2017 ghall-habta ta' bejn it-20:30hrs u d-21.00hrs u fil-granet ta' qabel, waqt li kien fil-basement tal-garaxxijiet fi Triq l-Imsida, Birkirkara :

1. Bl-imgieba tieghu, ikkaguna lill-mara tieghu Rita Borg biza' li ser tintuza vjolenza kontra taghha jew kontra l-proprjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa jew familjari ohra taghha;

2. Hebb ghal martu Rita Borg u kkagunalha offiza ta' natura hafifa skont kif iccertifikata minn Dr E Basile MD Reg. 3370 tac-Centru tas-Sahha tal-Mosta.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.
Semghat ix-xhieda.

Rat in-nota tas-sottomissjonijiet tal-partijiet u semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet fil-21 ta' Gunju 2022.

**Ikkunsidrat**

Illi fid-29 ta' Mejju 2018, xehdet il-*parte civile* Rita Borg, fejn qalet illi fil-5 ta' Settembru ghal-habta tat-8.00pm, kienet mar-ragel taghha Gabriel, li gharfet fl-awla, u t-tifel taghhom fil-basement, fejn it-tifel kien qieghed jsuq karozza li kien ghadu kemm xtralu missieru. Waqt illi kienet qieghda tigbed il-video, Gabriel beda jmur quddiemha u jghatiha. Wara ftit imbuttaha, beda jaghtiha u jkaxkarha quddiem it-tifel li twerwer u beda jghidlu mhux hekk il-mamma. Ix-xhud ipprezentat ritratti tal-griehi li kienet hadet hi stess dakinhar u ohrajn li ttiehdu fil-granet wara minnha jew minn huha. Hi dak il-hin baqghet normali minhabba fit-tifel, izda kif marru lura d-dar u raqad t-tifel, hi cemplet lil missierha ghax hassitha mdamdma u hadha l-clinic. Dan ma kienx incident ta' darba, u bdew meta kienet tqila bit-tifel. Kienet ghamlet rapporti ohra u certifikati ohra ghax l-imputat kien jerfa' jdejh u kien jheddidha. Hi kienet tibza' minnu u kien gieli anke sabbat it-tifel fuq is-sufan. Peress illi kienet qieghda tiehu l-video lit-tifel, it-tifel jinstema' jghid lil missieru tergax taghmel hekk lill mamma. Ikkonfermat ic-certifikat li gie pprezentat a fol. 37 u kellha ukoll rapport tal-2015 ta' incident simili meta t-tifel kien ghadu tarbija u l-imputat kien ippunta s-sikkina lejha. Din l-akkuza giet preskritta ghax l-imputat ma giex nnotifikat fil-hin (Dok RB3). Ix-xhud kompliet tghid li l-imputat gieli kien jsakkarha d-dar u jehdilha c-cwievet u darba kien rewilha jdejha u kellha certifikat izda ma kinitx rraportatu ghax kien l-ewwel darba (Dok RB4). Wara l-incident tal-5 ta' Settembru t-tabib kien ghamlilha ricetta (Dok RB5). Fil-kontro ezami ix-xhud tghid illi hi kienet ghada kemm wasslet mill-Point fejn marret bit-tifel. Gabriel kien gja rrabjat u beda jghidilha 'fejn huma l-basktijiet li xtrajt', u nizlu flimkien fil-basement bit-tifel bil-lift. Ix-xhud cahdet illi hi ma kinitx nizla maghhom u kienet qaltlu biex jmorru u jiehdu gost. Hi dahlet it-toilet u nizlet warajhom bil-lift u mhux mir-rampa. Ikkonfermat illi wara marret mixja mat-tifel u mar-ragel fil-pubbliku biex ma tkomplix twerwer lit-tifel u li hi ma cemplet lil hadd u lanqas baghtet xi messagg ghax Gabriel ma kienx jhalliha zgur u li hi kienet mohhha fit-tifel. Meta rat li Gabriel raqad, halliet lit-tifel id-dar mieghu, ghax kien raqqdu hdejh u marret il-clinic ma' missierha.

Illi fit-3 ta' Lulju 2018 xehdet WPC 390 Anne Marie Coleiro, fejn qalet illi fid-9 ta' Settembru WPS 161 kienet hadet il-verzjoni ta' Gabriel Borg wara li kienu baghtu ghalih. Borg kien irraporta li l-mara tieghu kienet qieghda taghmel rapporti foloz u li kien ilu ma jara lit-tifel mis-7 ta' Settembru. Ir-Rapport gie ezebit u mmarkat Dok AMC2 u r-rapport li ghamlet il-mara mmarkat bhala Dok AMC1. Meta l-imputat kien mar l-ghassa kien mar ma' huh u kien jidher agitat, ghax kien ilu ma jara lit-tifel, minhabba li Rita Borg ghamlitlu rapporti kontrih.  Ix-xhud ikkonfermat illi kienet issugeritlu li jmur ghand il-Victim Support Unit, izda ma ftakritx jekk kienx talabhom li jcemplu lill-mara biex jkellem lit-tifel.

Illi fl-4 ta' Dicembru 2018, xehdet Marisa Russo li tahdem bhala Social Worker fid-Dipartiment tal-vjolenza domestika mal-Appogg, fejn qalet li Rita Agius kienet ghamlet kuntatt maghhom fl-10 ta' Marzu 2015 . Il-kaz kien inghalaq fl-2016 u rega' nfetah f'Gunju 2017 meta Rita Agius ghamlet allegazzjonijiet li r-ragel kien qed jabbuzaha fizikament, emmozjonalment u finanzjarjament. Huma offrewlha support ghax kienet tikellem maghhom x'kien qed jigri, u fis-6 ta' Settembru wara dan l-incident, kienet kelmitha bit-telefon u l-*parte civile* qaltilha illi l-imputat kien qabadha minn xagharha u kaxkarha, u anke talbithom jsibulha shelter Ghawdex. Rita marret fis-shelter bit-tifel u damet xi ghaxart ijiem. Hi qatt ma kienet kelmet lill-imputat. Bhala prassi meta l-vittmi jhossu li s-sigurta' taghhom qieghed f'riskju huma jirrakkomandaw shelter. Ix-xhud qalet illi kellha appuntament maghha f'April 2018, fejn qaltilha li kienu bdew bis-separazzjoni u li hi kienet qed tirrisjedi mal-genituri. Min-noti taghha, ix-xhud qalet illi bejn Marzu 2015 kien hemm rapporti dwar abbuzz emozjonali, fejn Gabriel kien heddidha li jrid jeqridha u l-mewt taghha, kien jikkontrolalha l-mobile u jahbihulh, ma kienx ihalliha tohrog mat-tifel wehidha, ma kellhiex dritt tiekol mill-ikel li kien jixtri hu, u gieli raqdet bil-guh u meta kien jorqod kienet tqum tiehu cereal. Hi kienet qaltilha mill-2015 li setghet tidhol f'shelte,r imma dik tkun decizjoni taghha. Gew esebiti n-noti li kienet ippreparat hi stess li gew mmarkati Dok MR1.

Illi xehed Anthony Agius, missier il-*parte civile* fejn qal illi fil-5 ta' Setttembru, f'xi l-10.00pm cemplitlu Rita u qaltlu li qalghet xeba' quddiem it-tifel ta' tlett snin minghand Gabriel, li gharaf fl-awla. Qaltlu li kienet mimlija griehi u hu qalilha biex tistennieh barra biex jehodha l-clinic. Kif wasal, qaltlu li lit-tifel ma riedx jerhieh minn idejh u wara li werwru ma riedx jaghtihulha. Kif wasal qal  illi hareg Gabriel fil-gallarija u qal lil Rita

'issa naghmillek'. Huma ma kellmuhx u telqu. It-tifla kienet kollha tbengil f'idha, wiccha u f'sieqha, u huma marru l-clinic tal-Mosta u wara t-tabib marru l-ghassa. Ix-xhud ipprezenta certifikat tat-tabib u ritratti li hadilha hu stess dakinhar mmarkati Dok AA1 u ohrajn li ha l-ghada mmarkati Dok AA2. Ix-xhud kompla jghid li lejn l-ahhar Rita kienet spiss iccempillu tibki li l-imputat kien jheddiha u jissikha mal-bieb bic-cintorin jew isakkarha gewwa, u kien ikollha t-tbengil. Darba semghu mill-intercom lill-imputat jghidliha 'issa ghidlu l-missierek'. It-tifel kien ikun ghandhom filghodu sakemm Rita kienet tkun xoghol, u Gabriel kien imur wara nofs in-nhar u kien jilghab loghob tal-idejn goff mieghu. Ix-xhud qal illi hu kien jghid lill-*parte civile* biex tara x'ser taghmel, u hi kienet tghidlu li qieghda tipprova tirranga z-zwieg. Meta mar ghat-tifla fil-5 ta' Settembru qalilha' it-tifel ma gibtux mieghek?' Hi wegbitu le ghax l-imputat qed izommu taht idu, u hu qalilha 'ma gara xejn immorru l-clinic' fejn qalulha biex tmur taghmel rapport.

Illi fil-15 ta' Jannar 2019 xehed Dr Edward Basile Cherubino, li gharaf ic-certifikat tieghu datat 5 ta' Settembru 2017, wara li kien ra lil Rita Borg, li dehret familjari, fejn qal illi kellha slight injuries, hmura u grief fuq dirghajha in-naha tax-xellug t'ghonqha, u fuq darha u l-koxxa kien hemm tbengil. Fil-kontro ezami ix-xhud qal illi ftit mill-griehi setghu kienu *self inflicted* imma ohrajn ma setghux, specjalment it-tbengil fuq l-iskapula.

Illi xehdet WPS161 Tania Camilleri fejn qalghet illi wara li kien sar ir-rapport ta' Rita Borg fil-5 ta' Settembru 2017 li Gabriel Borg kien refa idejh fuqha, l-imputat li gharfet fl-awla, kien mar l-ghassa ta' Birkirkara fid-9 ta' Settembru 2017 ma' l-Avukat tieghu. Il-Pulizija kienu baghtu ghalih u l-imputat qalilha li hu ma kienx refa idejh fuq Rita, u hi kienet kompliet fuq ir-rapport AMC2 li kien infetah il-Mosta. Gabriel kien iddispjacut hafna u beda jibki ghax ma kinitx qieghda thallieh jara lit-tifel, u talabha biex taghmel kuntatt ma' Rita biex jisma' lehen it-tifel, izda x-xhud ma irnexxilhiex tikkuntatjaha. Ix-xhud qalet illi ma tiftakarx illi kienet ipprovat iccempel lil missierha. Jista' jkun li lill-imputat taghtu parir jmur Victim Support Unit, izda ma tiftakarx li qalilha li Rita xorta baqghet id-dar, ghax meta kellmitu ma kienx jaf fejn marret. L-imputat kien qalilha li hu u Rita kien ikollhom argumenti fuq it-tifel.

Illi reghat xehdet il-*parte civile* Rita Borg in kontro ezami b'referenza ghar-ritratti Dok H u Dok M fejn tidher hmura u grief fuq idha tax-xellug. Hi cahdet illi l-video kien edited, u qalghet illi hi bdiet tkompli mat-tifel biex

tikkalmah. Ikkonfermat illi l-missier kien fuq il-mobile hin minnhom, u li Gabriel kellu r-remote tat-tifel f'idu, izda ma tafx jekk kienx bir-remote il-hin kollu u kien qed jidhol quddiemha u jghid lit-tifel jekk kienx qieghed jiehu gost.

Illi fit-22 t'Ottubru 2017 xehed l-imputat Gabriel Paul Borg, fejn qal illi fil-5 ta' Settembru 2017 wasal mix-xoghol fil-5.30pm u l-mara tieghu Rita Borg u it-tifel ma kienux id-dar, hu sajjar xi haga u dahal jistrieh. X'hin waslu fit-8.30pm hu qal lit-tifel biex jinzlu jipprovaw il-karozza li kienet *ride on* bir-remote control li kien tah xi granet qabel. Nizel mat-tifel u Rita qaltlu biex jiehu gost. Wara ftit Rita nizlet mir-rampa bil-video mixghul u hu ssuspetta xi haga hazina, ghax l-affarijiet bejniethom ma kienux sejrin sew, u fil-fatt kien baghtilha ittra ta' separazzjoni f'Lulju 2017. Hu cempel lil huh biex jmur, imma kien ghadu x-xoghol, u hu baqa' jilghab mat-tifel, izda Rita bdiet tigi minn warajh u tolqtu u hu qalilha bil-mod u hi wegbitu 'ahh ar'hemm, ajma' u 'ma nergghux nibdew'. Hu baqa' jsuq il-karozza mat-tifel u wara saqsieh jekk riedx imorru jimxu, ghax hassu skomdu fil-basement wehedhom u ried jkun fejn kien hemm in-nies. Marru mixja ta' siegha u Rita miexja warajhom, minghajr kliem. Waslu d-dar u waqt illi kien qed jipprepara l-ghagin ghat-tifel, Rita harget mid-dar bla kliem u rritornat ftit sieghat wara u raqdet id-dar. Fis-7 ta' Settembru 2017, rega' ma sabhomx id-dar meta rritorna lura wara x-xoghol, u Rita ma bdietx twiegbu. Hu mar l-ghassa fejn qalulu li t-tnejn kienu tajjeb imma ma setghux jghidulu fejn kienet qieghda Rita. Hu talab lill-Pulizija biex jcemplulha u hi ma webgitx, u dam xahar u nofs sad-19 ta' Ottubru 2017 biex rega' beda jara lit-tifel, wara li l-Qorti akkordatlu access ta' darbtejn fil-gimgha u sleepover. L-imputat qal illi huma kienu ilhom tlett snin mizzewgin u hu kien jaghmel kollox, jsajjar, jahsel il-post. L-imputat cahad illi hu kien isakkarha d-dar, anzi kien jaghmlilha l-lunch ghax-xoghol. L-imputat kompla jghid illi kien hemm argument bejniethom fl-2015 waqt illi kienu qed isajru fil-kcina, u hu qalilha biex tlesti ha johorgu, u hi qaltlu 'tibdiex' u kienet se taqbad it-tifel u tohrog bih, u hu qalilha li hi setghet tohrog imma lit-tifel kellha thallieh d-dar u hi kienet marret taghmillu rapport. Kienu cemplulu mill-ghassa fejn qalulu li kienet irrapportat li qalilha ccassata, kienu telghu l-Qorti izda l-kaz waqa'. Wara li kien baghtilha l-ittra, biex jevita problemi, hu kien beda jiffoka fuq it-tifel u kienu saru vicin hafna, u hu u Rita kienu jitkellmu biss dwar it-tifel, imma hi riedet iccahdu mit-tifel. L-Avukat tat-tfal, Dr Stephanie Galea, fir-rapport mmarkat Dok GB1 kienet ikkonkludiet li l-access mal-missier ma kienx sfurzat, anzi t-tifel kien ihobb hafna lil missieru u ried iqatta'

aktar hin mieghu. Rita kienet tghid illi tbati mill-pressjoni minhabba fih, izda wara li telqet mid-dar hu sab il-pilloli ghadhom issigilati. Fil-kontro ezami b'referenza ghal-feriti tal-mara li jidhru fir-ritratti, hu cahad illi ghamilhomlha hu, u kienet hi li nstabtet mal-bokka tal-lift u l-ohrajn ma rahomx ghax kienu taht il-hwejjeg. Hu ma marx jirrapporta fil-5 ta' Settembru 2017, ghax ma kien hemm ebda incident, imma mar fis-7 ta' Settembru 2017 biex jghidilhom li Rita u t-tifel ma kienux marru lura d-dar, u rega' mar meta baghtu ghalih il-pulizija, u meta qalulu li kien hemm din l-akkuza kontrih huwa ghamel rapport lilha fuq rapport falz. L-imputat mistoqsi dwar il-filmati, ma jaqbilx li t-tifel qal toqghodx taghmlilha hekk lill-mama', anzi jghid illi fl-ebda hin ma jidher jibki jew imwerwer it-tifel. L-imputat qal illi ma kienx jaf li Rita kienet marret id-Domestic Violence Unit fl-2015 qabel ma sema' lix-xhieda, u l-Pulizija kienu qalulu li kien ser jitressaq ghax qalilha ccassata, u kkonferma li l-kawza waqghet ghax kien ghadda z-zmien.

Illi xehdet Daniela Darmanin, Social Worker mal-Agenzija Appogg fejn qalet illi l-Qorti tal-Familja kienet talbitha taghmel rapport bir-rakkomandazzjonijiet tal-access ta' Gabriel Borg ma' ibnu. Hi segwithom ghal diversi xhur, inkluz anke waqt il-monitoring u r-relazzjoni tal-missier kien dejjem pozittiv. Hi tkellmet mat-tifel kemm-il darba, u dejjem qalilha li jixtieq aktar hin ma' missieru, ghalkemm l-omm kienet tghid illi xi kultant t-tifel ma kienx jkun irid imur ghall-access. Darba minnhom quddiem il-haddiema tal-Appogg, waqt illi l-access kien taht supervizjoni, it-tifel ma riedx jattendi. Hi kienet marret tkellmu l-iskola u meta saqsietu ghalfejn ma riedx jattendi, t-tifel wegibha li ma kienx jaf. It-tifel kien qalilha li jixtieq ikompli jiltaqa' mieghu u jaghmel sleepovers. Hi kienet bniet relazzjoni tajba mat-tifel, u hu kien jitkellem maghha imma qatt ma semma xi incidenti.

Illi WPS Donalise Buttigieg xehdet illi fl-2018 Gabriel Borg li gharfet fl-awla, kien mar l-ghassa biex jirrapporta li ma kienx qieghed jinghata access u huma marru fuq il-post. L-omm qalet li mhux ser tibghat lit-tifel ma' missieru kontra qalbu. Il-minuri kien hdejn il-bieb u kif ra lil missieru mar hdejh u kien sehh l-access.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

Illi fil-5 ta' Settembru 2017, il-partijiet kienu mat-tifel taghhom fil-basement, fejn it-tifel beda jsuq karozza li kien ghadu kemm xtralu

missieru. L-omm kienet qieghda tiehu video tat-tifel li beda jiehu gost jsuq il-karozza. Fil-video li gieipprezentat jidher car illi l-partijiet kienu qeghdin jiggieldu ghax jinstemghu t-tnejn li huma jghidu lil xulxin biex ma jimbuttawx. Skond Rita Borg il-missier beda jigi quddiem il-camera biex hi ma tirrekordjax u weggghaha u hi tinstema' tghid ahh u biex ma jerfax idejh fuqha. Skont Gabriel Borg, hu kien qieghed mat-tifel u Rita nizlet hdejhom apposta bil-camera mixghula biex tipprova tpingih bhala hazin u bdiet tolqtu, izda hu fl-ebda hin ma refa' idejh fuqha. Fil-video it-tifel jidher li ghal-ewwel beda jiehu pjacir izda x'hin il-genituri bdew jargumentaw inbidlitlu il-burdata.

Illi l-Qorti hija ferm dizappuntata ghall-agir taz-zewg partijiet fejn jidher bic-car illi dan il-kaz odjern jirrigwarda piki inutili bejn iz-zewg partjiet ghall-iskopijiet individwali taghhom, fejn bl-agir taghhom qed joholqu sitwazzjoni psikologika ta' dwejjaq, biza' u incertezza ghad-detriment ta' binhom minuri, li ghalkemm ta' eta' tenera jidher car minn wiccu kemm qed ibati bl-agir irresponsabbli taz-zewg genituri.

Il-Qorti qed tiddeplora lill-partijiet sabiex jieqfu jinqdew bit-tifel sabiex isibu soluzzjoni ghall-problemi li nholqu bejniethom, u sabiex jieqfu jagixxu b'mod infantili biex b'affarijiet materjali u attitudni falza jippruvaw jinghogbu mat-tifel.

Illi wara li rat d-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali, inkluz il-filmati pprezentati mill-*parte civile*, u semghat ix-xhieda, il-Qorti hija konvinta illi l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' l-imputat ma gewx ippruvati sal-grad rikjest mil-Ligi.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti qed issib lill-imputat mhux hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontrih u qed tilliberah minnhom.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**